Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 92/2012

Pentasia Malta Limited **(appellanti)**

Vs

Pivgame Limited **(appellata)**

7 ta' Frar, 2017.

1. L-attrici harrket lis-socjeta konvenuta fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn talbet is-somma ta' €4,189 ghal servizz ta' reklutagg skont il-kont numru 1009-569 tat-22 ta' Settembru 2010, u dan fir-rigward ta' servizzi ta' reklutagg li nghataw skont ftehim accettat u ffirmat mill-konvenuta.

2. Il-konvenuta wiegbet:
   i. M'hijiex il-legittimu kontradittur ghaliex il-kuntratt li fuqu hi bbazata t-talba gie ffirmat ma' terzi.
   ii. L-attrici ma onoratx l-obbligi kuntrattwali taghha u ghalhekk l-ebda hlas mhu dovut.

3. Fil-verbal tas-6 ta' Novembru, 2013 id-difensur tal-konvenuta talbet li tinghata sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni. Il-qorti laqat it-talba. B'sentenza tas-27 ta' Novembru, 2013 il-qorti ddecidiet:

   *"M'hemmx dubju li servizz mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta kien jinghata u dan mhux indubitat, pero' minn imkien ma jirrizulta li effettivament is-socjeta konvenuta kienet impjegat lil dan Jean Karl Abela u addirittura wisq inqas tramite s-servizz ta' reklutagg taghha u ghalhekk il-Qorti qieghda takkolji l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta fis-sens li tiddikjara li s-socjeta konvenuta mhix il-legittimu kontradittur tas-socjeta attrici u ghalhekk qed tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju".*

4. L-attrici appellat mis-sentenza. L-attrici ssostni li mill-provi kien irrizulta li bil-kuntratt Dok. CV1 kienet inholqot relazzjoni guridika bejn l-attrici u Pokerinvenice Limited[1]. L-attrici argumentat:

   *"Jibda biex jinghad, punt li l-Qorti tal-prim'istanza naqset milli tosserva, illi s-socjeta appellata ma eccepitx illi hija mhijiex legittimu kontradittur tas-socjeta Pentasia Malta Limited, izda li*

[1] F'xi zmien sar jisimha Pivgame Limited.

*f'dik l-ewwel eccezzjoni ziedet tghid kif isegwi: "stante li l-kuntratt li fuqu hija bbazata t-talba gie ffirmat ma' terzi".*

*L-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta kellha ghalhekk tigi kkunsidrata fl-intier taghha, inkluz ir-raguni ghaliex is-socjeta konvenuta appellata tallega li mhijiex legittimu kontradittur tas-socjeta appellanti, punt li ma nghata l-ebda konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati".*

Targumenta wkoll li hemm provi li juru li Jean Karl Abela kien gie mpjegat mas-socjeta konvenuta.

5. Is-socjeta konvenuta ma wegbitx.

6. L-ammont pretiz mill-attrici jikkoncerna, ***"Recruitment Consultancy Services for the introduction of Mr Jean Karl Abela Customer Support Representative"*** (ara kont datat 22 ta' Settembru 2010 li l-attrici baghtet lil Pokervenice Limited). Christopher Vella, direttur tas-socjeta attrici, xehed:

   *"8. Illi dawn l-erba' kandidati kienu ngaggati mis-socjeta intimata bil-paga ta' €17,750 fis-sena kull wiehed u b'hekk, ai termini tal-klawzola 3.2 tat-terms of business imsemmija, l-ammont dovut lis-socjeta Pentasia Malta Limited huwa ta' 20% ta' din il-paga, senjatament is-somma ta' €3,550 flimkien ma' €639 bhala VAT, li b'kollox jammontaw ghal €4,189"* (fol. 21).

7. L-attrici ghamlet riferenza ghall-kuntratt intestat, *"Contratto di Ricerca Personale"*, li ffirma Cesare Florio ghan-nom tal-konvenuta (fol. 23-28). Fi klawzola 3.1 jinghad:

   *"3.1 I diritti di agenzia sono dovuti dal Cliente **dal momento dell'assunzione del Lavoratore**; sara cura dell'Ageniza inviare al Cliente dettagliata fattura con specifica di quanto dovuto".*

8. L-ewwel eccezzjoni li tat is-socjeta konvenuta u li dwarha nghatat is-sentenza oggett ta' dan l-appell, taqra:

   *"Illi preliminarjament, l-eccipjent m'hijiex il-legittimu kontradittur tal-kawza odjerna **stante li l-kuntratt li fuqu hija bbazata t-talba gie ffirmat ma' terzi**".*

   L-att promotur li bih l-attrici ipproponiet il-kawza, jaqra li l-hlas hu dovut ghal:

   *"... servizzi ta' reklutagg lilkom rezi **ai termini ta' ftehim accettat u ffirmat minnkom**, u dan kif ser jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema somma intom inqastu milli thallsu minkejja l-interpellazzjonijiet tas-socjeta Pentasia Malta Limited".*

Hu evidenti li l-ftehim li fuqu l-attrici bbazat it-talba hu dak li ffirma Cesare Florio ghan-nom tal-konvenuta, u ntestat *"Contratto di Ricerca Personale"*. Waqt is-smigh tal-provi l-konvenuta qatt ma ddikjarat min huma t-terzi li suppost iffirmaw il-kuntratt.

9. Fl-ewwel lok il-qorti hi tal-fehma li l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet jikkontradixxu lil xulxin. Jekk kif issostni l-konvenuta m'hemmx relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, allura ma jistax ikun li *"…. r-rikorrenti ma onoratx l-obbligi kuntrattwali taghha….."* (tieni eccezzjoni). Fejn m'hemmx relazzjoni kuntrattwali m'hemmx obbligi.

10. Mill-provi li tressqu jirrizulta li ftehim kien jezisti bejn il-kontendenti. L-ewwel qorti stess jidher li qablet ma' dan il-fatt tant li fis-sentenza qalet: *"M'hemmx dubju li s-servizz mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta kien jinghata u dan mhux indubitat……"*. Sahansitra, Cesare Florio, li kien direttur tas-socjeta konvenuta u rrizenja fit-13 ta' Lulju 2011 (fol. 60), xehed li: ***"Jiena fil-fatt f'isem is-socjeta Pivgame Limited kont iffirmajt kuntratt mas-socjeta Pantasia Malta Limited"*** (fol. 86). Mela relazzjoni kuntrattwali kienet tezisti bejn il-kontendenti. Ghalhekk l-ewwel qorti kellha tichad l-ewwel eccezzjoni, gialadarba rrizulta li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti ghall-ghoti ta' servizz ghall-ingagg ta' haddiema mis-socjeta konvenuta.

11. Il-kwistjoni dwar jekk il-hlas pretiz ghal *"Recruitment Consultancy Services for the introduction of Mr Jean Karl Abela Customer Support Representative"* huwiex dovut, hi materja li m'ghandhiex x'taqsam mal-ewwel eccezzjoni. L-ewwel qorti kkonkludiet:

*"Illi s-socjeta attrici resqet lil dan Jean Karl Abela u dan stess ikkonferma illi huwa qatt ma hadem mas-socjeta konvenuta ghalkemm ighid li kellu xoghol mas-socjeta Reptilia Limited. Dettalji jew informazzjoni dwar Reptilia Limited pero' ma tax f'dawn il-proceduri. Illi r-rapprezentant tal-ETC George Camilleri pprezenta l-employment history ta' Jean Karl Abela u minn ezami tal-istess jirrizulta li Jean Karl Abela qatt ma hadem mas-socjeta konvenuta u li huwa minnu li bejn it-22 ta' Settembru 2010 sat-8 ta' Ottubru, 2010 huwa hadem mas-socjeta Reptilia Limited u l-impieg tieghu gie tterminat fil-perjodu tal-probation"*.

Pero' dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-ewwel eccezzjoni deciza bis-sentenza tas-27 ta' Novembru, 2013, li kif rajna kienet limitata ghat-tezi li, *"…li l-kuntratt li fuqu hija bbazata t-talba gie ffirmat ma' terzi"*. Fl-att promotur ir-riferenza ghall-kuntratt hu dak li kien jezisti bejn il-kontendenti, u li bih is-socjeta attrici kellha tintroduci persuni lill-konvenuta bil-ghan li jigu mpjegati[2].

[2] Sarah Portelli, konsulent mas-socjeta attrici, qalet: *"Illi ftit taz-zmien wara li s-socjeta PIV GAME Limited, li sa dak iz-zmien kien jisimha Poker In Venice Limited, kienet iffirmat it-Terms of Business*

Mela relazzjoni kuntrattwali kienet tezisti bejn il-kontendenti. Hi materja ohra jekk l-attrici tatx is-servizz taht dak il-ftehim fir-rigward ta' Jean Karl Abela. Kwistjoni li semai tibqa' pregudikata.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Novembru, 2013 u tichad l-ewwel eccezzjoni. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuta.**

**Tordna li l-atti jintbaghtu lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza**.

Anthony Ellul.

---

*fis-6 ta' Mejju 2009 jien kont gejt inkarigata mis-superjuri tieghi biex insib kandidati prospettivi ghall-vacancies li l-imsemmija PIV Game Limited kellha f'dawk iz-zminijiet"* (fol. 31).